**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 19 ta' Dicembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**-vs-**

**Gordon Mayo, detentur tal-karta tal-identità numru 656355M**

*Kumpilazzjoni Nru. 900/2013*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gordon Mayo u ċioè talli:

Fid-9 ta' Frar, 2013, fil-jiem ta' qabel, kif ukoll fil-jiem u xhur ta' wara, ġewwa San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor.

2. bi ħsara ta' ħaddieħor għamel qliegħ b'qerq, liema ħsara tammonta għal aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu. (2329.37)

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tad-9 ta' Frar, 2017,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(iii) Fl-artikoli 17 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-25 ta' Lulju, 2016.

Illi l-**Ispettur Gabriel Micallef** spjega kif il-parte leza Rita Galea kienet rraportat mal-Pulizija li kienet qed tircevi cekkijiet tal-manteniment minghand l-imputat, l-ex ragel taghha, li ma kienux qed jigu msarrfa mill-bank. Kienet ittiehdet stqarrija lill-imputat fejn kien ikkonferma li kien konsapevoli li fuq il-kont li beda johrog cekkijiet kien hemm sekwestru u li ma setghux jissarfu.[2] Ikompli *"qalli jekk trid tnehhi s-sekwestru qalli u c-cekkijiet jissarfu…kien ikkonferma li dawk cekkijiet li hareg hu….sirt naf bis-sekwestru ghax qalli hu"*.[3] Jghid li hu kien ikkonferma mal-bank li ma kienx hemm sekwestru.[4]

---

[1] Fol.180
[2] Fol.23
[3] Fol.24-25
[4] Fol.26

Izda fl-istqarrija minn tieghu mehudha f' Mejju, 2013, ghalkemm l-imputat muri cekkijiet tal-BOV mahruga minnu kien ikkonferma li kienu tieghu *"kollha jien iffirmajthom"* u li kienu in konsiderazzjoni *"bhala ftehim fil-kuntratt li ghamilt maghha, li ghandhi intijha"*.[5] Kien iddikjara li ma kienux ghall-manteniment u li ma kienx jaf bis-sekwestru. Stqarr li qabel is-sekwestru il-kont kien fih flus u li gie infurmat dwar is-sekwestru *"Ezatt ma nafx imma nahseb li kien beginning of March"*. Mistoqsi baqax johrog cekkijiet li mill-kont li fuqu kien hemm is-sekwestru jwiegeb hekk *"Iva u zgur mela. Bqajt inzomm l-istess rutina dejjem zammejt. Dawk huma flus tal-mara imgemmajn ghaliha…<u>Jissarfu la darba tholl is-sekwestru…. Flus hemm kull ma trid li tiftah is-sekwestru tal-kont taghha.</u>"*[6]

Ic-cekkijiet in kwistjoni huma datati d-9 u 23 ta' Frar, 2013; 9 u 23 ta' Marzu, 2013; 6 u 20 t'April, 2013; 4 u 18 ta' Mejju, 2013 mahruga fuq kont intestat f'isem Robert Gordon Mayo bin-numru 14804217069.[7] Skond kuntratt ta' seperazzjoni fl-artiklu 3 minn tieghu, l-imputat obbliga ruhu li jghaddi lill-martu "<u>*LM116 fil-gimgha bhala manteniment ghaliha*",</u> liema rata tigi awmentata kull sena skond iz-zidied moghtija mill-Gvern ghall-gholi tal-hajja.[8]

Illi **Joanne Bartolo** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, esebiet statements fuq kont intestat Robert Gordon Mayo bin-numru 14804217069 li jirrisalu ghal Frar, 2013.[9]. Murija c-cekkijiet esebiti tikkonferma *"ic-cekkijiet huma l-istess mahrugin, migbudin fuq l-istess kont… Registrat f' isem Robert Gordon Mayo"*[10] Tkompli *"Ir-raguni ghalfejn refer to drawer ghax generalment ma jkunx hemm flus fil-kont u ma jissarrafx ic-cheque"*.[11] Dwar ic-cekkijiet esebiti, Bartolo tixhed *"fuq is-sistema taghna jidhru li ghadhom il-kelma issued jigifieri qatt ma kienu msarfin…. fehemt x' inhi charge ta' 23.29. refer to drawer if I may repeat ghax ma jkunx hemm flus fil-kont minn naha tal-kaxxier ma jissarrafx u c-charge jekk jigi kkijatha, dak il-hin il-kaxxier jikkijaha tinholoq charge ta' €23.29. …. ic-charge tinkorri ruhha jekk il-kaxxier in kwistjoni flok jidhol jiccekja hemmx bilanc qabel ma jsarraf jista' jaqbad u jikkijah mal-ewwel. Jekk jikkijah awtomatikament jitrigerja jekk*

---

[5] Fol.27
[6] Fol.27 tergo
[7] Dok. GM1 a fol.28-34
[8] Fol.36
[9] Dok. JB1 a fol.115 et seq.
[10] Fol.49
[11] Fol.50

*ma hemmx flus titrigerja c-charge. Gieli jkollna kazi ikun hemm diga cheque referred to drawer jerga' jigi klijent jghidlu ccekjali jissarrafx illum. More often than not jidhol fil-kont jiccekja l-bilanc mhux jikkijah allura f' dak il-kaz ma jkunx hemm ic-charge, ma tigix ittrigerjatha."*[12] In kontro-ezami tixhed li *"8th February 2013 hemm transaction ta' €10,152.74c li referenza fuqha qeghda withdrawal to deposit funds in Court Bank of Valletta Euro ten thousand Gordon Mayo u hemm referenza 154/13……8 ta' Frar 2013….iddepozitajna dawk il-flus il-Qorti".*[13] Altru ghalhekk li kien hemm sekwestru u mhux kif jaghti x'jifhem l-ispettur investigattiv!

Mill-istatement esebit Dok. JB1[14] jirrizulta li fl-24 ta' Mejju, 2013, kien sar *direct payment* ta' €1,050.35 izda dawn ingibdu fis-16 t'Ottubru, 2013, fejn il-kont baqa' vojt sa meta rega' sar depozitu fl-20 ta' Jannar 2014 u saru transferimenti ta' flejjes lil terzi.[15] Rega' safa' minghajr fondi sal-4 ta' Frar, 2014, meta kien hemm depozitu ta' €900 li minnhom gew mhallsa xi cekkijiet lil terzi. Il-kont jidher li kien vojt minn fondi ghaliex diversi huma l-annotamenti fuq l-istess statement *"Charge on Cheque *** Insufficient Funds"* ghakemm jirrizulta ukoll li kienu jsiru depoziti minn zmien ghal zmien.

Illi l-parte leza, **Rita Galea**, esebiet 5 cekkijiet fl-ammont ta' €5,040;[16] fuq wara taghhom hemm timbrat 'refer to drawer'. Minn dawn hemm tnejn datati 3 t' Ottubru, 2013, ghal ammont ta'€1,120; cekk iehor ghal €1,120 datat it-30 ta' Ottubru, 2013, iehor datat it-30 ta' Novembru, 2013, ghal €1,120 u iehor datat 1 ta' Gunju, 2013, ghal €560. Dawn ic-cekkijiet moghtija lilha mill-imputat ghall-manteniment ma setghux jissarfu u l-bank kienu biss jittimbrawhomla u jtuhomlha lura.[17] Tispjega li meta tnehha is-sekwestru u marret tipprova ssarraf ic-cekkijiet sabet li *"kien zvojta kollox. Il-bank meta kien is-sekwestru kienu fethuh kollox rega' kaxkar".* Ghalkemm kienet tibghatlu messaggi c-cekkijiet baqaw ma gewx onorati mill-imputat *"Le, le qatt, qatt, qatt nahlef li qatt ma tani xejn minn dawk ic-cekkijiet kieku mhux qeghda hawnhekk… Minn kollox ippruvajt biex insarraf ic-cekk imma ma qal xejn, qatt ma ssarfu. Kieku ma jkunx hemm refer to drawer nahseb hux hekk ?."*[18] Ix-xhud esebiet kopja tal-atti tal-mandat ta' qbid

---

[12] Fol.110-111
[13] Fol.112
[14] Fol.115
[15] Fol.115
[16] Dok. RG a fol.109
[17] Fol.103-104
[18] Fol.105

numru 154/2013 fl-ismijiet *Rita Galea vs Gordon Mayo*.[19] Riprodotta Galea tesebixxi c-cekkijiet li kopja taghhom kienet giet esebita mill-ispettur Micallef u spjegat kif dawn kienu kollha ghall-manteniment li kien jithallas b'lura kull gimghatejn.[20] Tirrepeti li <u>baqghet ma thallsitx il-manteniment dovut</u>.[21]

In kontro-ezami tixhed li s-separazzjoni sehhet f' Gunju, 1999, u sal-2013 problemi biex jissarfu iccekkijiet ma kienx hemm. Tkompli li kienet pprezentat mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-imputat ghall-arretrati tal-manteniment u ghall-gholi tal-hajja. Tichad li qatt zbankat flejjes depozitati l-Qorti in konsiderazzjoni tal-ammont dovut ghall-manteniment sa Lulju, 2013.[22] Minn naha taghha d-difiza esebiet rikors kongunt li fih hemm dikjarat li l-parte leza hi dovuta manteniment mill-imputat ghal perjodu Frar -Gunju, 2013, u kien qed jintalab l-izbank ta' *"l-pagament tal-manteniment dovut lejha mix-xahar ta' Frar sa Lulju dan ir-rikors ghandu jservi biss ghall-fini li **jigi saldat il-manteniment ghax-xhur minn Frar sa Lulju 2013;**"*, liema rikors intlaqa' b'digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar id-9 ta' Lulju, 2013.[23] **Jirrizulta li fil-11 ta' Lulju, 2013, il-parte leza zbankat €6,720.00.**[24] <u>Il-Qorti hi perplessa ghaliex Galea tibqa' tghid li ma thallsietx mill-imputat meta l-provi juru bic-cjar mod iehor, ghall-inqas dak ghal Frar sa Lulju, 2013!</u>

Illi l-abbli difiza fit-trattazzjoni minn taghha tikkontendi li kif giet intestata l-akkuza u cioe' *"fid-9 ta' Frar 2013 fil-jiem ta' qabel kif ukoll fil-jiem u xhur ta' wara"* l-istess akkuza hi limitata sad-data li fiha nharget l-akkuza u cioe`it-18 ta' Settembru, 2013 u ghaldaqstant tikkontendi li l-akkuza ma tirrigwardax xi kondotta li tirrisali ghal wara t-18 ta' Settembru, 2013.

Il-Qorti lanqas mad-difiza ma tista' taqbel u taghmel riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**:[25]

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

---

[19] Dok. RGZ a fol. 178 et seq.
[20] Fol.167 et seq
[21] Fol.174
[22] Fol.107 u 196
[23] Fol.199
[24] Fol.202
[25] Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Deciza 26 ta' Jannar 2017

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza,* ***bil-partikularitajiet ta' zmien*** *u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt intsab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament*"

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[26]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti trid thares biss lejn il-fatti kif indikati fl-akkuza. Dik l-akkuza tat l-informazzjoni necessarja lill-imputat u ppermettietlu jaghmel id-difiza tieghu.

Ghalkemm mill-atti baqa' ma giex pruvat meta l-imputat gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru, kif tixhed is-sentenza esebita mill-istess imputat tas-7 t'Awissu, 2013, l-imputat (f'dawk il-proceduri r-rikorrent) *"B'rikors prezentat fis-7 ta' Frar 2013, ir-rikorrent talab ir-revoka tal-imsemmi mandat numru 154/2013"*[27]. Ghaldaqstant **mhemmx dubbju li sas-7 ta' Frar, 2013 l-imputat kien ben konsapevoli tas-sekwestru ottenut mill-parte leza**.[28]

Illi dawn il-fatti jassumu rilevanza **inkwantu ghall-mertu.** Id-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.[29]

---

[26] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Magistrati)
[27] Fol.214
[28] Ibid.
[29] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011

Il-Qorti tal-appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Simon Baldacchino Barthet iddecidiet**:[30]

"Illi f' materja ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jigux onorati mill-Bank li fuqu jkunu inhargu, l-gurisprudenza nostrana esprimiet ruha f' diversi sentenzi. Hekk, f' cirkostanzi analogi din il-Qorti diversament preseduta addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jigi emess cheque li ma jigix onorat mill-bank anki meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat u tali sitwazzjoni b' ebda mod ma tkun tfisser li bejjiegh ikun dispost li jikkonsenja merkanizija *"on account"*. Anki fejn umbaghad wara l-appellant ikun hallas, dana xorta wahda ma jfissirx li ttruffa ma tkunx saret . (**"Il-Pulizija vs. Olaf Cini"** [21.6.2002]).

Fil-kawza: **"Il-Pulizija vs. Franco Farrugia"** , (App. Krim.[7.2.1985] Vol. LXIX. P596), gie ritenut li:-
*"Il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent"*

Fil-kawza : **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul"**, App. Krim.[20.6.1997] gie ritenut li :-
*"Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b' hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm issitwazzjonijiet ta' meta persuna b' kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x' tifhem li ghandha flus meta m' ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont inkwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b' wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna."….*

Hu minnu li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 308, imma dan ghamlitu mhux ghax ma kienx hemm il-qerq biex minnu jsir il-qliegh, imma ghax dan il-qerq ma kienx akkompanjat mill-*messa in scena* li hi element indispensabbli biex tinstab htija tar-reat ta' truffa kontemplat f' dak l-artikolu.

Pero' dan ma jfissirx li ma jissussistix ir-reat kompriz u involut ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li fil-waqt li lliberat millakkuza ta' truffa, sabet htija tal-frodi innominata.[emfazi tal-Qorti]

Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax, minnhabba l-hrug tac-cheques, l-appellant materjalment akkwista l-konsenji tal-merkanzija ghad-dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz. (ara ukoll: **"Police vs. Anthony Francis Willoughby"** App. Krim. [12.2.1999], **"Il-Pulizja vs. Daniel Frendo"** App. Krim. [5.3.1994] u l-**"Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis"** App. Krim. [2.12.1959] )"[31]

In tema legali kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

---

[30] Il-Pulizija vs Simon Baldacchino Barthet, App. Krim. Nru. 118/2008. Onor. Imhallef J. Galea Debono. 13.11.2008

[31] Vide ukoll Il-Pulizija vs John Christopher Martin, App. Krim Nru.277/2005, Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef J. Galea Debono, 19 ta' Jannar, 2006

**"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul*, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija v. Daniel Frendo*, App. Krim., 25/3/94). Dan ittelf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis*, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis*, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija v. Francesca Caruana*, App. Krim., 25/7/53, Vol.XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer*, App. Krim., 3/3/56)."[32]**

Din il-Qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Bartolo et** ghamlet studju approfondit dwar ir-reati previsti bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali: [33]

"Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[34] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[35].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra[36]**

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Charles Zarb***, *il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

---

[32] Vide ukoll f'dan is-sens Il-Pulizija vs Charlo Lautier, per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima Deciza 23 ta' Frar, 2017.

[33]Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciza 16 ta' Marzu, 2016, Magistrat Dr Josette Demicoli,

[34] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

[35] Op cit pagna 357

[36] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*
b. *billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
c. *ta' kwalifiki foloz jew*
d. *billi jinqeda b'qerq iehor u*
e. *ingann jew*
f. *billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
g. *jew ta' hila*
h. *setgha fuq haddiehor jew*
i. *ta' krediti immaginarji jew*
j. *sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308***

***tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa **"l'elemento del'danno patrimoniale"** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (**Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza **Il-Puliizja vs Carmela German** (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl- ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono:**[37]

*"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuele Vella** deciza fl-20 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti stqarret:*

*"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certament kien hemm l-element tal-qerq ma jistax jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih." Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll*

[37] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-14 ta' Lulju 2010

*mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*

*F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat-truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz.""*

Afferrati dawn il-principji gurisprudenzjali u legali huwa necessarju illi jigi ippruvat l-element ta' l-ingann fil-frodatur u dan fil-mument illi huwa ikun qieghed jaghmel il-maniggi tieghu sabiex jinganna lill-vittma.

F'dan il-kaz l-ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jista' jwassal sabiex jirrizulta l-ingann tal-imputat peress li kienet bl-azzjoni tal-vittma innifisha li c-cekkijiet - almenu fiz-zmien li giet impostata fih l-akkuza - ma setawx jissarrfu u mhux bl-azzjoni tal-akkuzat; kienet hi li talbet u ottjeniet sekwestru fuq il-kontijiet tal-imputat:

***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – ...... basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment....."***[38]

U kif jispjega Antolisei:

***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato"***[39]

Hu ferm difficli ghall-Qorti tifhem kif Galea, jekk verament kienet in bona fede u li kien biss sforz tal-ingenwinita` taghha li ppretendiet li cekkijiet jibqaw jissarfu wara li sar sekwestru minnha fuq l-istess kontijiet, qatt setghet tisfa' ingannata bil-mezz adoperat mill-imputat meta kienet l-azzjoni taghha li nduciet lill-imputat fi stat ta' reita`!

Ghaldaqstant u ghal motivi kollha hawn fuq migjuba, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija.

---

[38] Il-Pulizja vs Carmela German; Appelli Kriminali Inferjuri Deciz 30 ta' Dicembru, 2004

[39] Citat fis-sentenza Il-Pulizija vs Patrick Spiteri, Deciza 22 t'Ottubru, 2004

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**